



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 50/17**  
il-Lussemburgo, 11 ta' Mejju 2017

Konklużjonijiet tal-Avukat Ĝeneralis fil-Kawża C-434/15  
Asociación Profesional Elite Taxi vs Uber Systems Spain, SL

**Skont I-Avukat Ĝeneralis Szpunar, il-pjattaforma elettronika Uber, filwaqt li hija kunċett innovattiv, taqa' fil-qasam tat-trasport, għalkemm Uber tista' tiġi obbligata jkollha l-liċenzji u l-awtorizzazzjonijiet mitluba mid-dritt nazzjonali**

*Über ma tibbenefikax fil-fatt mill-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għgarantit mid-dritt tal-Unjoni għas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni*

Über hija pjattaforma elettronika li tippermetti, bl-ġħajjnuna ta' smartphone mgħħammar bl-applikazzjoni korrispondenti, li jiġi ornat servizz ta' trasport urban fil-bliet li fihom jiġi pprovdut. L-applikazzjoni tagħraf il-post fejn jinsab l-utent u ssib ix-xufiera disponibbli fil-qrib. Meta xufier jaċċetta l-vjaġġ, l-applikazzjoni tinforma b'dan lill-utent billi turi l-profil tax-xufier kif ukoll stima tal-prezz tar-rotta lejn id-destinazzjoni indikata mill-utent. La darba jintemmi l-vjaġġ, l-ammont tiegħu jittieħed awtomatikament mill-karta ta' kreditu li l-utent huwa obbligat jindika meta jirreġistra fl-applikazzjoni. L-applikazzjoni fiha wkoll mezz sabiex issir evalwazzjoni: ix-xufiera jistgħu jiġu evalwati mill-passiġġieri u bil-maqlub. Marki medji taħt ċertu limitu jistgħu jwasslu għall-eskużjoni mill-pjattaforma. Fil-kuntest tas-servizz li jisejja ħi UberPop, huma xufiera individwali mhux professjonal li jiżguraw it-trasport tal-passiġġieri permezz tal-vetturi tagħhom stess.

FI-2014, l-Asociación Profesional Elite Taxi (iktar 'il quddiem "Elite Taxi"), organizzazzjoni professjonal ta' xufiera tal-belt ta' Barcelona fi Spanja, ippreżżentat rikors quddiem il-Juzgado de lo Mercantil n 3 de Barcelona (qorti tal-kummerċ Nru 3 ta' Barcelona, Spanja) li bih talbet b'mod partikolari li tiġi ssanzjonata l-kumpannija Spanjola Uber Systems Spain (iktar 'il quddiem "Uber Spain"), kumpannija li tifforma parti minn grupp li jamministra l-pjattaforma msemmija, għal kompetizzjoni inġusta max-xufiera ta' Elite Taxi. B'mod partikolari, Elite Taxi tqis li Uber Spain ma għandhiex id-dritt li tipprovdi s-servizz UberPop fil-belt ta' Barcelona. Fil-fatt, la Uber Spain, la l-proprietarji u lanqas ix-xufiera tal-vetturi kkonċernati ma għandhom il-liċenzji u l-awtorizzazzjonijiet previsti mir-regolament dwar is-servizzi tat-taxi adottat mill-belt ta' Barcelona.

Peress li qieset li s-soluzzjoni tat-tilwima tirrikjedi l-interpretazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, il-Juzgado Mercantil n 3 de Barcelona ddeċidiet li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja numru ta' domandi dwar il-klassifikazzjoni tal-attività ta' Uber fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-konsegwenzi li għandhom jirriżultaw minn din il-klassifikazzjoni.

Fil-konklużjonijiet tal-lum, l-Avukat Ĝeneralis Maciej Szpunar jirrileva qabel kollox li għandu jiġi ddeterminat, esenzjalment, jekk is-servizzi offruti mill-pjattaforma jibbenefikawx mill-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi bħala "servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni"<sup>1</sup> jew jekk dawn jaqgħix

<sup>1</sup> Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-għot ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandardi u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13. Vol. 20, p. 337), kif emdat bid-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Lulju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 21, p. 8) – issostitwit bid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-9 ta' Settembru 2015, li tistabbilixxi proċedura għall-għot ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU 2005, L 241, p. 1); Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' Ġunju 2000, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarmen il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

fil-qasam tat-trasport<sup>2</sup> irregolat mid-dritt tal-Istati Membri. Fl-ewwel każ, il-liċenzji u l-awtorizzazzjonijiet previsti mir-regolament tal-belt ta' Barcelona li tikkonċerna t-tħaddim ta' Uber jistgħu jkunu inkompatibbli mal-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi, filwaqt li, fit-tieni każ, l-Istati Membri huma fil-prinċipju liberi li jirregolaw l-attività tagħha.

L-Avukat Ĝeneralis jqis li, għalkemm hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina u tevalwa l-fatti, is-servizz inkwistjoni huwa **servizz imħallat**, peress li parti minn dan is-servizz jitwettaq b'mod elettroniku u l-parti l-oħra, mid-definizzjoni tagħha, le.

Issa, servizz imħallat jista' jaqa' fil-kunċett ta' "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" meta 1) is-servizz li ma jkunx ipprovdut elettronikament ikun ekonomikament indipendenti minn dak ipprovdut permezz ta' dan il-meżż (dan huwa l-każ, b'mod partikolari, ta' pjattaformi ta' senserija għax-xiri ta' biljetti tal-ajru jew għall-prenotazzjoni ta' lukanda) jew 2) il-fornitur jiprovdvi s-servizz kollu (jiġifieri kemm il-parti tas-servizz ipprovdut b'mezz elettroniku kif ukoll dak ipprovdut b'mezz mhux elettroniku) jew jeżerċita influwenza deċiżiva fuq il-kundizzjonijiet tal-provvista ta' dan tal-aħħar, b'tali mod li ż-żewġ servizzi jifformaw ħaġa sħiħa integrali, sakemm l-element prinċipali (jew l-elementi essenzjali kollha tat-tranżazzjoni) jitwettaq b'mod elettroniku (dan huwa l-każ, pereżempju, tal-bejgħ ta' oġġetti online).

Skont l-Avukat Ġenerali, ebda waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ma hija ssodisfatta mis-servizz ipprovdut minn Uber. F'dan ir-rigward, l-Avukat Ĝeneralis josserva li x-xufiera li jsuqu fil-kuntest tal-pjattaforma Uber ma jwettqux attivitā speċifika li teżisti indipendentement minn din il-pjattaforma. Għall-kuntraru, din l-attività tista' teżisti biss permezz tal-pjattaforma, li mingħajra hija ma jkollha l-ebda sens. L-Avukat Ĝeneralis jirrimarka wkoll li Uber tikkontrolla l-fatturi ekonomikament importanti tas-servizz tat-trasport urban offrut taħt din il-pjattaforma. Fil-fatt, Uber i) timponi fuq ix-xufiera kundizzjonijiet minn qabel għall-aċċess għall-attivitā u l-eżerċizzju tagħha; ii) tikkumpensa finanzjarjament lix-xufiera li jwettqu numru kbir ta' vjaġġi u tindikalhom il-postijiet u l-perijodi fejn jistgħu jkollhom numru kbir ta' rotot u/jew fuq tariffi vantaġġjużi (b'hekk tippermetti lil Uber tadatta l-offerta tagħha għall-varjazzjoni fid-domanda mingħajr ma teżerċita restrizzjoni formalii fuq ix-xufiera); iii) teżerċita kontroll, għalkemm indirett, fuq il-kwalitā tax-xogħol tax-xufiera, li jista' saħansitra jwassal għall-esklużjoni tax-xufiera mill-pjattaforma, u iv) tiddetermina, fil-fatt, il-prezz tas-servizz.

Dawn il-karatteristiki jeskludu li Uber tista' titqies li hija sempliċi intermedjarja bejn ix-xufiera u l-passiġġieri. Barra minn hekk, fil-kuntest tas-servizz imħallat offrut mill-pjattaforma Uber, huwa bla dubju t-trasport (għaldaqstant is-servizz mhux ipprovdut b'mod elettroniku) li huwa s-servizz ewljeni u li jagħtiha tifsira ekonomika.

L-Avukat Ĝeneralis jikkonkludi li s-servizz ta' intermedjazzjoni bejn il-passiġġier u x-xufier, ipprovdut b'mod elettroniku, la huwa indipendenti (ara l-punt 1 iktar 'il fuq) u lanqas prinċipali (ara l-punt 2 iktar 'il fuq) fir-rigward tal-provvista tat-trasport. **Għaldaqstant, is-servizz ipprovdut minn Uber ma jistax jiġi kklassifikat bħala "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni".** Pjuttost jirrigwarda l-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta' sistema kompluta ta' trasport urban fuq talba.

Barra minn hekk, Uber ma toffix servizz ta' carpooling, peress li d-destinazzjoni tintgħażel mill-passiġġieri u peress li x-xufiera huma rremunerati b'ammont li jaqbeż ħafna s-sempliċi rimbors ta' spejjeż minfuqa.

Fid-dawl tal-fatt li s-servizz tat-trasport jikkostitwixxi, minn perspettiva ekonomika, l-element prinċipali, filwaqt li s-servizz ta' intermedjazzjoni bejn ix-xufier u l-passiġġieri permezz tal-applikazzjoni għal smartphones huwa element sekondarju, l-Avukat Ĝeneralis jipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta li s-servizz offrut mill-pjattaforma Uber għandu jiġi kklassifikat bħala "servizz fil-qasam tat-trasport".

<sup>2</sup> Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36). Din id-direttiva, li d-direttivi msemmija fin-nota precedingenti huma speċifikazzjonijiet tagħha, teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha s-servizzi fil-qasam tat-trasport, inklużi s-servizzi urbani u t-taxis.

Minn din l-interpretażżjoni jirriżulta li l-attività ta' Uber **ma hijex irregolata mill-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi** fil-kuntest tas-“servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni” u li għaldaqstant hija suġġetta għall-kundizzjonijiet ta' dħul ta' vetturi mhux residenti għat-trasport nazzjonali fl-Istati Membri<sup>3</sup> (f'dan il-każ, il-pu possess tal-liċenzji u tal-awtorizzazzjoni jiet previsti mir-regolament tal-belt ta' Barcelona).

**NOTA:** Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jiproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendent, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallifin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitkolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretażżjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

*Dokument mhux uffiċċiali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet jkunu disponibbli fuq "["Europe by Satellite"](#)" ☎ (+32) 2 2964106*

---

<sup>3</sup> Artikolu 91 TFUE.